KULLEĠĠ SAN TUMAS MORE

L-Eżami ta' Nofs is-Sena 2018

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema
## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
2. Aqra l-iskript bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'.
3. L-iskript aqrah darbtejn, kwarta kull darba.

***Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.***

(Wara 5 minuti)

***Issa se naqralkom storja dwar 'Stella ċ-Ċkejkna Saħħara'. Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu l-mistoqsijiet. Is-silta u l-mistoqsijiet se naqrahomlkom darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara nerġa' naqralkom is-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba.***

***Waqt li qed naqra s-silta tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.***

***Se nibda.***

Stella kienet tifla li kienet tgħix mal-ġenituri tagħha f'dar żgħira f'tarf il-belt. L-akbar xewqa ta' din it-tifla kienet li meta tikber issir saħħara. B'hekk tkun tista' tagħmel il-maġija u toqgħod ittir fuq l-ixkupa tas-sħaħar. Fil-belt fejn kienet toqgħod Stella, kien hemm skola speċjali għal dawk it-tfal kollha li bħal din it-tifla kellhom ix-xewqa li jsiru sħaħar.

Din l-iskola kienet tinsab fuq il-quċċata tal-akbar muntanja li kien hemm f'dak il-post. Kienet imdawra b'foresta kbira li qisha ma kienet tispiċċa qatt. Mal-ewwel daqqa t'għajn, din l-iskola aktar kont tistħajjilha xi kastell, għall-mod ta' kif kienet mibnija. Idawwar il-bini tagħha kien hemm ċint għoli tal-ġebel. B'hekk ħadd mill-istudenti ma seta' joħroġ minn hemm ġew. Fl-istess ħin iċ-ċint kien iżomm `il bogħod lil dawk kollha li ma kellhomx x'jaqsmu ma' din l-iskola.

Darba fost l-oħrajn Stella rċeviet pakkett kbir. Din kienet l-ewwel darba li Stella kienet irċeviet pakkett kbir li kien indirizzat għaliha. Din kienet ukoll l-ewwel darba li Stella kienet irċeviet xi ħaġa bil-posta. Għalhekk Stella kellha seba' mitt sena sabiex tfittex tiftaħ il-pakkett. It-tifla riedet ittir bil-ferħ.

Fil-pakkett kien hemm uniformi sewda bil-kappell magħmul għall-ponta li kienu jilbsu l-istudenti tal-iskola tas-sħaħar. Il-ġenituri ta' Stella kienu jafu bix-xewqa li kellha binthom. Għalhekk kienu kitbu ittra bil-moħbi tagħha lill-kap tal-iskola, fejn esprimew ix-xewqa kbira li kellha binthom: dik li ssir saħħara. Il-pakkett li kienet irċeviet it-tifla bil-posta kien ifisser li l-Kap tal-Iskola kienet laqgħet it-talba tal-ġenituri ta' Stella. Issa x-xewqa ta' Stella kienet se ssir realtà.

Fl-aħħar waslet il-ġurnata li fiha Stella kellha tibda tattendi f'din l-iskola. Malli waslet sabet li ħafna tfal oħra bħalha kienu se jibdew jattendu din l-iskola. Kollha kienu lebsin l-istess uniformi sewda bil-kappell tas-sħaħar fuq rashom.

"Stella! Stella!" instema' leħen familjari ġej minn warajha.

Stella daret minnufih u tgħidx kemm ferħet hekk kif intebħet bil-ħabiba tagħha Angela. Dawn iż-żewġt iħbieb kienu ħbieb tal-qalb, iżda kienu ilhom ħafna ma jiltaqgħu, peress li l-ġenituri ta' Angela kienu marru joqogħdu f'belt oħra. Kemm

Stella kif ukoll Angela kellhom ħafna x'jirrakontaw daqskemm kienu ilhom ma jaraw lil xulxin.

F'dak il-ħin instemgħet iddoqq il-qanpiena li kien hemm f'nofs il-bitħa. L-istudenti kollha telqu jiġru biex jaraw x'kien se jiġri.

*(addattata minn 'Stella ċ-Ċkejkna Saħħar u s-Sigriet tal-Iskola' ta' Charles Zarb)*

***Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tibdew taħdmu t-tweġibiet.***

***Mela, issa se naqralek Taħriġ A.***

***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.***

***In-numru wieħed***

Stella kienet tgħix ġo:

a) dar żgħira.
b) dar kbira.
ċ) fiċ-ċentru tal-belt.

***In-numru tnejn***

Ix-xewqa ta' Stella kienet li:

a) ssir għalliema.
b) ssir tabiba.
ċ) ssir saħħara.

*In-numru tlieta*

L-iskola kienet tidher qisha :

a) kastell.
b) sptar.
ċ) lukanda.

*In-numru erbgħa*

Madwar l-iskola kien hemm:

a) ċint baxx tal-ġebel.
b) ċint għoli tal-ġebel.
ċ) grada tal-ħadid.

*In-numru ħamsa*

L-uniformi kienet:

a) sewda bil-kmiem bil-frilli.
b) sewda bil-kappell għall-ponta.
c) sewda bl-għonq abjad.

*In-numru sitta*

Stella u Angela kellhom ħafna xi jgħidu għax:

a) qatt ma raw lil xulxin.
b) bdew jitkellmu fuq żewġt itfal li bdew jiġġieldu.
ċ) kienu ilhom ma jaraw lil xulxin.

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.***

***In-numru wieħed***

L-iskola tas-sħaħar kienet tinsab fit-tarf tal-iżgħar muntanja. ***Veru jew Falz?***

***In-numru tnejn***

Darba fost l-oħrajn Stella rċeviet pakkett żgħir li kien indirizzat lilha. ***Veru jew Falz?***

***In-numru tlieta***

Stella kienet taf li l-ġenituri tagħha kitbu ittra lill-Kap tal-Iskola. ***Veru jew Falz?***

***In-numru erbgħa***

Malli waslet l-iskola Stella sabet li ħafna tfal oħra bħalha kienu se jibdew jattendu din l-iskola. **Veru jew Falz?**

***In-numru ħamsa***

Il-qanpiena kienet f'nofs il-bitħa. ***Veru jew Falz?***

***In-numru sitta***

Stella u Angela ma baqgħux jaraw lil xulxin għax kienu ġġieldu. ***Veru jew Falz?***

*Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ.*
*Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.*

*In-numru wieħed*

Din kienet l-___________________ darba li Stella kienet irċeviet xi ħaġa bil-posta.

*In-numru tnejn*

Il-ġenituri ta' Stella kienu jafu bix-xewqa li kellha __________________.

*In-numru tlieta*

F'daqqa waħda Stella semgħet leħen _______________ ġej minn warajha.

*In-numru erbgħa*

Stella tgħidx kemm __________________ hekk kif intebħet bil-ħabiba tagħha Angela.

*In-numru ħamsa*

Malli daqqet il-qanpiena l-istudenti kollha telqu __________________ biex jaraw x'kien se jiġri.

*Issa wasalna għall-aħħar taħriġ, it-Taħriġ D.*
*Agħżel it-tifsira t-tajba skont is-sens tas-silta billi taqta' sinjal taħtha.*

*In-numru wieħed*

Għalhekk Stella kellha seba' mitt sena sabiex tfittex tiftaħ il-pakkett. L-espressjoni **kellha seba' mitt sena** tfisser li:

a) f'daqqa waħda Stella xjaħet u għalqet mitt sena.
b) kellha ġenn biex tara x'fih il-pakkett.
ċ) permezz tal-maġija saret taf ittir sas-sema.

*In-numru tnejn*

Stella riedet ittir bil-ferħ. L-espressjoni **ittir bil-ferħ** tfisser li:

a) bdiet ittir għax saret saħħara.
b) bdiet ittir bil-maġija.
c) kienet ferħana ħafna.

*In-numru tlieta*

Stella u Angela kienu ħbieb tal-qalb. L-espressjoni **ħbieb tal-qalb** tfisser li:

a) Stella u Angela kienu ħbieb kbar.
b) Stella u Angela kellhom qalbhom tħabbat ħafna.
c) Stella u Angela kellhom ħafna ħbieb.

***Issa se nerġa' naqralkom l-istorja u wara l-mistoqsijiet. Tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.***

**Wara li taqra s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba agħti ftit minuti lit-tfal biex tara li jkunu lesti. Fl-aħħar tista' tgħid:** *Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa.*